

Brussell, 22 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12185/25

DELECT 106
PECHE 230

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5517 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.8.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5517 final.

Mehmuż: C(2025) 5517 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.8.2025
C(2025) 5517 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.8.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni
6 sa 8 tal-ICES**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1241¹ jistabbilixxi qafas għar-Regolament dwar il-miżuri tekniċi. Dak il-qafas għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-Politika komuni tas-sajd biex isir sajd fil-livelli ta' rendiment massimu sostenibbli, jitnaqqas il-qbid mhux intenzjonati u jiġi eliminat il-qbid skartat, kif ukoll jikkontribwixxi għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE².

L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013³ jipprevedi li l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jilħqu l-oġġettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti tal-Unjoni, tal-pjanijiet pluriennali jew tal-pjanijiet speċifiċi għar-rimi tal-ħut.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, abbażi ta' rakkomandazzjoni konġunta, biex tqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti, billi temenda, tissupplimenta, tħassar il-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi jew tidderoga minnhom, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-Artikolu 2(2) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati billi tipprevedi li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 13 jew il-partijiet A jew C tal-Annessi V sa X japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv.

Il-proposti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom l-għan li jemendaw l-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 u l-adozzjoni tagħhom tirrikjedi l-użu ta' setgħat separati. Madankollu, hemm rabta sostantiva f'konformità mal-punt 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴. Peress li dawn il-miżuri huma lkoll miżuri tekniċi bl-għan li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd f'reġjun partikolari, qed jiġu proposti f'rakkomandazzjoni konġunta waħda ppreżentata mill-Istati Membri għaliex għandhom interess ta' ġestjoni dirett fl-istess reġjun, u għandhom l-għan li jemendaw l-annessi tal-istess att leġislativ.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) u l-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands) ippreżentaw

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105). ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>

² Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19). ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj>

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22–61). ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

rakkomandazzjonijiet konġunti li sal-31 ta' Diċembru 2026 jestendu l-miżuri li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) minn Lulju 2022. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56⁵ emenda r-Regolament (UE) 2019/1241 biex jinkludi t-tali miżuri fl-Annessi VI u VII, filwaqt li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/491⁶ u (UE) 2024/3204⁷ estendew dawk il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2024 u l-31 ta' Diċembru 2025 rispettivament. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti tas-6 ta' Ġunju 2025 jitolbu ż-żamma kemm tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS, minimum conservation reference size) attwali għall-paġella ħamra fiż-żewġ baċiri tal-baħar, kif ukoll l-għeluq (i) għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju u (ii) fuq bażi staġjonali għas-sajd kummerċjali u s-sena kollha għas-sajd rikreattiv f'żoni ġeografiċi speċifiċi tas-subżona 8 tal-ICES.

Peress li: (i) il-miżuri fir-rakkomandazzjonijiet konġunti tas-6 ta' Ġunju 2025 huma l-istess bħal dawk li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022; (ii) id-data għal dan l-istokk għadha skarsa u l-ICES ħareġ parir li l-qbid għall-2025 u l-2026 għandhom ikunu zero⁸; u (iii) il-miżuri jibqgħu aktar stretti mill-miżuri bażi li kienu japplikaw għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES qabel l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni

L-att delegat jemenda l-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 billi jestendi sal-31 ta' Diċembru 2026 l-miżuri eżistenti għall-paġella ħamra.

Bażi legali

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 tad-19 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L 5, 6.1.2023, p. 1–6). ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/56/oj

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/491 tat-30 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tiġdid tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L, 2024/491, 13.2.2024). ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/491/oj

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3204 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-gandoffla tal-għonq qasir u l-paġella ħamra (ĠU L, 2024/3204, 31.12.2024). ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3204/oj

⁸ Il-parir tal-ICES għall-2024 “Blackspot seabream (*Pagellus bogaraveo*) in subareas 6-8 (Celtic Seas and the English Channel, Bay of Biscay)”. <https://doi.org/10.17895/ices.advice.25019660>

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.8.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali speċifiċi għall-ilmijiet tal-Unjoni fl-Ilmijiet tal-Majjistral u fl-Ilmijiet tal-Lbiċ.
- (2) L-Anness VI tar-Regolament (UE) 2019/1241 jipprevedi miżuri tekniċi għall-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Anness VII jipprevedihom għall-Ilmijiet tal-Lbiċ. Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) u l-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands) rispettivament, ippreżentaw żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti li fihom talbu li sal-31 ta' Diċembru 2026, jiġu estiżi l-miżuri li japplikaw bħalissa għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES. Il-miżuri mitluba jżommu kemm id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni attwali ta' 36 cm għall-paġella ħamra għas-sajd kummerċjali fiż-żewġ baċiri tal-baħar, kif ukoll l-għeluq għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2025; l-għeluq fuq bażi staġjonali għas-sajd kummerċjali u l-għeluq għas-sena kollha għas-sajd rikreattiv fiż-żoni ġeografiċi speċifiċi tas-subżona 8 tal-ICES.
- (3) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fil-miżuri

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105). ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE)

ta' konservazzjoni tal-Unjoni li japplikaw għal reġjun ġeografiku partikolari, jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. L-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jippermetti lill-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni dirett jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti bl-iskop tal-adozzjoni ta' atti delegati li jikkonċernaw il-miżuri tekniċi reġjonali stabbiliti fl-Annessi ta' dak ir-Regolament.

- (4) Il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u l-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fl-ilmijiet tal-Lbiċ u tal-Majjistral rispettivament.
- (5) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.
- (6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF", Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) preċedentement ivvaluta dawn il-miżuri fl-2021 li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022 u kkonkluda li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-qbid tal-paġella hamra³.
- (7) Peress li l-miżuri huma l-istess bħal dawk li ilhom japplikaw għall-paġella ħamra minn Lulju 2022; id-data għal dan l-istokk għadha skarsa u l-ICES ħareġ parir li l-qbid għall-2025 u l-2026 għandhom ikunu zero⁴; u l-miżuri huma aktar stretti mill-miżuri bażi li kienu japplikaw għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES qabel l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma ssodisfati.
- (8) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli. Peress li l-miżuri li jridu jiġu estenzi jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.
- (9) Il-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra⁵, u jikkunsidraw il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-Ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq,

Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22). ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>

³ Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evaluation of Joint Recommendations on the Landing Obligation and on the Technical Measures Regulation (STECF-21-05). <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126128>

⁴ Il-parir tal-ICES għall-2024 "Blackspot seabream (*Pagellus bogaraveo*) in subareas 6-8 (Celtic Seas and the English Channel, Bay of Biscay)". <https://doi.org/10.17895/ices.advice.25019660>

⁵ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10). ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689(1)/oj)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.8.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN